GHASRI

**Kunsill Lokali Ghasri**
**6 Triq Dun Karm Caruana, Ghasri, Ghawdex.**
**(Tel. No. 21558686 - Fax No. 21558655)**

*Ref. Nru. VI/17*

Minuti tal-Laqgha Nru. 17 tal-Kunsill Lokali Ghasri (is-Sitt Terminu), li nzammet nhar il-Hamis, 17 ta' Settembru 2009 fis-7.00p.m. fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri ohra tal-Kunsill li kienu prezenti :

Is-Sur Emmanuel Mintoff (Vici Sindku)
Is-Sur Frank Formosa
Is-Sinj. Renance Vella Aquilina
Is-Sur Joseph Farrugia

## I. Talba

Fil-bidu tal-laqgha s-Segretarju qal it-talba.

## II. Minuti

### I. Approvazzjoni

Quddiem il-Kunsill tressqu l-Minuti ta' l-ahhar Seduta Nru. 16. Peress li l-minuti kienu tqassmu qabel il-laqgha, dawn gew mehuda bhala moqrija.

### 2. Emendi

Ghal dawn il-minuti ma tressqux proposti ghal emendi. Ghalhekk dawn gew mehuda bhala korretti kif ipprezentati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju.

## III. Materji mill-Minuti

### 1. "Flower Bed" fi Triq l-Ghasri

Il-Kunsill innota li hafna mix-xtieli li kienu qed jithawwlu, kienu mbaghad jinsterqu jew anke jinqalghu u jithallew jinxfu fil-vicin. Biex jitwaqqaf dan il-vandalizmu, l-Kunsill qabel li jitwahhlu tabelli bil-ghan li jitwaqqaf kull tip ta' hsara li qed issir hekk kif jithawwlu xi xtieli godda.

### 2. Laqgha ma' Dr Chris Said

Din il-laqgha nzammet ma' l-Onor. Dr Chris Said nhar il-Hamis 10ta' Settembru 2009 fil-11.30a.m. Waqt din il-laqgha is-Sindku rrefera ghat-tiswijiet li kienu bdew fil-Fanal ta' Gordan minghajr ma kien informat jew ikkonsultat il-Kunsill Lokali.

Punt iehor li tqajjem mis-Sindku kien rigward l-applikazzjoni ghat-twessigh ta' Triq il-Gonna fejn il-Kunsill qatt ma nghata x'kienet id-decizjoni ta' l-awtoritajiet.
Suggett iehor li ssemma mis-Sindku kien rigward ir-rimi llegali fl-inhawi Tal-Qortin u s-Sur Vella ppropona li s-sit jigi mwitti u msebbah bis-sigar u finalment isservi bhala sit li jista' jitgawda minn kulhadd.
Fl-istess laqgha saret referenza ghall-haddiema tal-IPSL li qed jintbaghtu jahdmu mall-Kunsilli Lokali, fejn intwera li dawn ghandhom ikunu mqabbda jaghmlu xoghol produttiv fuq supervizjoni kontinwa.
L-ahhar punt kien jirrigwarda l-kuntratt tal-gbir ta' skart fil-lokal. Is-Sindku qal lid an is-suggett qed ikun diskuss ma' rhula ohra tal-vicin biex jinhareg kuntratt wiehed.
Fl-istess laqgha s-Sindku ta dettalji tal-laqghat li hu kellu meta kien l-Austria fejn minn diskussjonijiet li hu kellu hemm il-hsieb li tigi studjata l-possibilita li jigi prodott elettriku bizzejjed ghall-konsum ta' dan ir-rahal permezz tal-Bio Gas fuq direzzjoni ta' esperti mill-Austria.

**3. Xoghlijiet fi Triq Dun Karm Caruana**

Is-Sindku ta dettalji tax-xoghlijiet li fil-prezent qeghdin isiru fi Triq Dun Karm Caruana. Hu qal li dan hu progett li se jkun komplut minn kollox u se jkun qed isir fuq linji professjonali.
Dan ix-xoghol kien jinvolvi li tinqala' t-triq kollha u titnaddaf gholi ta' metro jew inkella sa fejn kien hemm il-blat sabiex tkun fuq pedamenti sodi l-partijiet kollha. Saru s-servizzi tad-drenagg u ta' l-ilma ghad-djar kollha u fl-istess waqt saru tiswijiet necessarji fuq il-linji tat-telefon.
Rigward il-bankina jidher li fuq in-naha tal-genb fejn qieghed l-Ufficcju tal-Kunsill, mhux se jkun hemm problemi, filwaqt li fuq in-naha l-ohra se jsiru arrangamenti mas-sidien tar-residenzi halli r-rampi tal-garaxxijiet ikunu adattati u livellati skond it-triq il-gdida. Biex isir dan, il-progett se jkun jinkludi l-kostruzzjoni ta' strixxa bil-konkrit fuq barra tal-bankina u li din se tkun taghmel parti mill-karreggjata tal-vetturi.
Is-Sinkdu ssuggerixxa li peress illi din hi t-triq principali tal-lokal, il-bankini jsiru kollha l-istess u jkunu b'madum adattat fuq kulur wiehed izda li ma jkunx izomm hmieg u anke li ma jkunx ta' periklu ghan-nies.

**4. Centinarjan fl-Ghasri**

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fl-okkazjoni ta' eghluq il-mitt sena ta' Vitor Grech, il-familja tieghu kienet avvicinatu u stednitu jattendi ghal quddiesa ta' ringrazzjament li saret privatament fid-dar taghhom. Hu kien attenda ghal din il-quddiesa fejn kien hemm prezenti l-Isqof t'Ghawdex u l-Ministru ghal Ghawdex.
F'din l-okkazjoni, s-Sur Vella ipprezenta lil Vitor Grech statwa zghira u bukkett ward bhala tifkira mill-Kunsill Lokali ghal din l-okkazjoni. Minn naha tal-familja Grech, dawn irringrazzjaw lill-membri kollha tal-Kunsill ghal din l-ghotja.
Fil-laqgha tal-lum, fuq suggeriment tas-Sindku, l-Kunsill qabel li fl-okkazjoni ta' Jum l-Ghasri, ghandna nipprezentaw lil Vitor jew rapprezentant tieghu, plakka kommemorattiva fejn nifirhulu ta' din il-grajja storika peress li hu l-ewwel persuna li kienet qed taghlaq il-mitt sena fl-Ghasri.

**IV. Korrispondenza**

i. Ittra mis-Sur David Apap, Sindku tal-Gharb biex tinzamm laqgha bejn rapprezentanti tal-Ghasri, Gharb u San Lawrenz biex ikun diskuss il-kuntratt tal-gbir ta' skart domestiku.

ii. Donazzjoni ta' zewg kotba mis-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said. Dawn il-kotba bl-isem "Il-Princep tal-Martri" huma ta' l-awtur Dun Guzepp Gauci.

iii. Is-Segretarju Parlamentari Dr Chris Said baghat cirkolari fejn qed jaghti struzzjonijiet biex il-Kunsilli jkunu ta' ghajnuna ghal dawk il-kumpaniji li jixtiequ jigbdu films fil-lokalitajiet rispettivi.

iv. Il-Kumitat Kongunt tal-LES ghandu quddiemu proposta li kull rapprezentant li jattendi l-laqghat tal-Kumitat se jinghata €20 ghal kull laqgha.

v. Intbaghtu l-minuti tal-laqgha tal-Kumitat ta' "Street Lighting" liema laqgha nzammet fil-23/07/2009.

vi. Laqgha ghas-Sindki nhar it-Tlieta 22ta' Settembru 2009 fil-KLunsill Lokali ta' B'Kara fejn se jkun diskuss il-finanzjament tat-tariffi tar-rimi ta' skart fil-landfill.

vii. Notifika ta' avviz ta' waqfien mill-MEPA lis-Sur Anthony Camilleri fuq sit fi Triq Wied il-Mielah.

**V. Mozzjonijiet**

**1. Attivita ta' Jum l-Ghasri**

Jum l-Ghasri din is-sena se jkun imfakkar nhar is-Sibt 26 ta' Settembru. Il-gurnata propja ta' dan il-jum hi t-28 ta' Settembru, izda l-attivitajiet konnessi se jinzammu s-Sibt ta' qabel biex b'hekk il-pubbliku jkun jista' jattendi. Fl-istess waqt l-iskejjel ikunu ghadhom ma fethux ghas-sena skolastika u ghalhekk it-tfal li se jiehdu sehem fis-serata li se tittella' ghall-okkazjoni jkunu jistghu jittardjaw filghaxija.

L-attivita se tibda permezz ta' quddiesa ta' ringrazzjament fis-6.30p.m. fejn se jkun qed jiehu sehem il-kor tal-parrocca.

Wara l-quddiesa se tittella' serata mit-tfal tal-lokal. Il-programm se jibda permezz ta' kant mit-tfal. Wara jinzammu diskorsi tal-okkazjoni kemm mis-Sindku kif ukoll mill-Onor. Ministru ghal Ghawdex. Fl-istess waqt se tinghata plakka kommemorattiva lis-Sur Vitor Grech jew rapprezentant tieghu, fl-okkazjoni ta' eghluq il-mitt sena tieghu nhar it-28 ta' Awwissu.

Il-programm ikompli billi tittella' prezentazzjoni bl-isem "Whistle Down the Wind" mit-tfal li attendew il-programm Skola-Sajf.

Wara li jintemmu l-prezentazzjonijiet tal-palk, se tkun servuta bibita ghal dawk prezenti.

**VI Materji Ohra**

**1. Rimi llegali ta' Skart**

Is-Sur Frank Formosa gibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi fl-inhawi tal-Qortin vicin tal-bajja ta' Wied il-Ghasri, kien qed jintrema hafna skart.

Il-Kunsill qabel li ghandu jsir rapport lill-pulizija u wkoll lill-Mepa fuq dan. Ghandu jkun informat ukoll is-Sur David Soler halli hu jibghat il-Gwardjani ghal xi hinijiet tul il-gurnata.

**2. Haddiema tal-IPSL**

Tul din il-gimgha bdew jirraportaw ghax-xoghol erba' haddiema tal-IPSL u li dawn huma haddiema li qabel kienu jaqghu taht il-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma. Dawn il-haddiema se jkunu jaghmlu xoghol mal-Kunsill ghal certu granet biss u mbaghad jittiehdu ma' xi Kunsill iehor u jergghu jintbaghtu f'dan il-lokal meta jiddeciedi l-management tal-IPSL.

Huma qed ikunu moghtija jaghmlu xoghol ta' bini ta' hitan tas-sejjieh tul Triq Wied Sara fejn il-hitan kollha huma mwaqqghin.

**3. Haddiema li Jirregistraw ghax-Xoghol**

Fil-bidu ta' dan ix-xaghar, intbaghat ukoll mal-Kunsill, haddiem li fil-prezent kien qed jirregistra ghax-xoghol.

Hu se jkun ingaggat ghal sitt sighat kuljum fuq hamest ijiem u ghalhekk se jkun qed jahdem 30 siegha fil-gimgha ghal tlitt xhur. Hu se jkun qed jaghmel xoghol fit-tmexxija tal-Ufficcju tal-Kunsill.

**4. Ittra mis-Sindku tal-Gharb**

Is-Sur David Apap, bhala Sindku tal-lokalita tal-Gharb, baghat ittra li tirrigwarda l-gbir ta' l-iskart fil-lokalitajiet ta' Ghasri, Gharb u San Lawrenz. Hu ppropona li tinzamm laqgha f'dan ir-rigward bejn it-tlett Kunsilli Lokali.

Is-Sur Andrew Vella qal li hu ta' vantagg ghat-tlett Kunsilli illi tinhareg offerta wahda kollettiva ghall-gbir ta' l-iskart fil-lokalitajiet taghna. Permezz t'hekk ikollna kollettur wiehed ghat-tlitt lokalitajiet u tigina irhas milli kieku ndividwalment. Is-Sindku kompla jghid illi bhala Kunsill ghandna naghmlu li nistghu halli jitnaqqas l-iskart organiku ta' kuljum u jizdied l-iskart separat ghax dan jigi jqum anqas meta jingabar. Hu qal li biex nilhqu din il-mira, nistghu nfasslu program ta' tqassim ta' boroz b'xejn lid-djar u dawn jintuzaw ghal skart separat. B'hekk in-nies ikunu qed jigu mhajjra li jisseparaw l-iskart aktar milli qed isir illum u rizultat ta' dan il-Kunsill jiffranka mill-hlas tar-rimi.

**VII. Hlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kifipprezentata giet accettata mill-Kunsill.

Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemez mal-minuti.

Il-laqgha tal-lum intemmet fit-9.00p.m.

Andrew Vella
Sindku

Joe Camilleri
Segretarju Ezekuttiv

Data : _________________